PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex

Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com

1 ta' Ġunju 2025

Għall-familji li għandhom it-tfal għall-Griżma tal-Isqof:

Qrar għall-ġenituri u l-parrini nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju fis-7.30pm fil-Bażilika, in-Nadur.

Nofstanhar irtir u ħin għall-qrar **għall-istudenti** tal-Griżma nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju mid-9.00am san-12.30pm fiċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid Ta' Kerċem. Niltaqgħu direttament fil-post u nagħlqu bl-ikel ta' nofsinhar.

GĦOTJIET TA' KARITÀ

Ringrazzjament - Little Sisters of the Poor:
Dear Father we would like to inform you that the charity collection from your parish this weekend reached the sum of €2,397.72. Words are not enough to thank you. May our good Lord continue to fortify you with His blessings, graces and with good health. We're praying for you all. We appreciate you all a lot. God bless you all abundantly. Please send our appreciations and regards to all the priests that celebrated the masses and your parishioners. Thanks.

Il-Caritas ta' Għawdex tavża li bħalissa teħtieġ prams u cot (anki użati), bottle sterilizer, pakketti tat-te (tea bags), kafè, żejt, zokkor, ħalib (long life), crackers, cereals għat-tfal u kbar, sponge għat-tfal, ross u dqiq.

Il-ġbir waqt il-quddies tal-Ħadd ta' dan il-weekend 31 ta' Mejju u 1 ta' Ġunju se jmur għall-bżonnijiet ta' **Dar Arka f'Għajnsielem** li tieħu ħsieb tfal u adulti bi bżonnijiet speċjali.

Xogħol tas-suf: Hawn xi persuni li lesti jaħdmuh għal meta jitolbuna għall-missjoni? Jekk hawn min għandu u jogħġbu jgħaddih għal dan l-iskop, jista' jġibu l-Uffiċċju Parrokkjali. Grazzi.

L-Għaqda tan-Nar San Pietru u San Pawl tixtieq tavża lill-bdiewa li għandhom l-għelieqi l-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti qabel il-festa għax fil-jiem li ġejjin membri tal-għaqda ser ikunu qed inaddfu l-għelieqi u jaħarqu xi ħaxix ħażin minn fejn jinħaraq in-nar. Hekk jitnaqqas il-periklu u l-ħsara. Napprezzaw il-koperazzjoni ta' kulħadd. Grazzi mill-qalb.

Illum il-Ħadd 1 ta' Ġunju **festa fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù**. Araw il-programm għal aktar dettalji.

Nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju, fil-knisja tas-Sorijiet Franġiskani fin-Nadur, ser issir **il-laqgħa tal-Grupp tal-Istilel tal-Qalb ta' Ġesù**. Tibda bir-Rużarju fl-4.00pm u wara tiġi ċċelebrata l-Quddiesa minn Dun Salv Grima. Ejjew u ġibu oħrajn magħkom. Kulħadd mistieden.

Ħinijiet ġodda MUSEUM Subien
Minn nhar it-Tnejn 2 ta' Ġunju t-tfal kollha tal-Primarja minn Year 1 sa Year 6 ser jibda jkollhom nhar ta' Tnejn u Ħamis. Il-grawnd jinfetaħ fis-6.00pm u l-lezzjonijiet ikunu bejn is-6.45pm u s-7.15pm.

Id-Djoċesi qed torganizza laqgħa dwar **il-ħarsien tal-ħajja umana mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha** fid-dawl tal-konsultazzjoni pubblika dwar l-introduzzjoni tal-ewtanasja assistita volontarja. Se tkun nhar it-Tlieta 3 ta' Ġunju fis-7.30pm fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu u l-kelliem ser ikun Dun Richard N. Farrugia. Din il-laqgħa hi miftuħa għal kulħadd.

L-Għaqda Dun Franġisk Grima tavża li nhar il-Ħamis 5 ta' Ġunju ser norganizzaw **ħarġa għal Kemmuna**. Nitilqu fit-8.30am minn ħdejn iċ-Ċentru. Id-dgħajsa titlaq fid-9.00am. Ikollna quddiesa fl-10.00am u wara ħin ta' mistrieħ. Lura fis-1.30pm. Inġibu packed lunch. F'każ ta' maltemp immorru ta' Pinu fid-9.30am.

Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju taħbat l-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Huwa jum ta' devozzjoni lejn il-qalb ta' Ġesù. Filgħaxija, wara l-quddiesa tal-5.00pm fil-knisja jkun hawn **is-Siegħa tal-Ħniena Divina**. Kulħadd imħeġġeġ li jiġi u jitlob lill-qalb ħanina ta' Ġesù għall-ħtiġijiet tiegħu, tal-familja u tad-dinja kollha.

Ser issir **il-Velja Djoċesana ta' Għid il-Ħamsin**, nhar is-Sibt 7 ta' Ġunju fuq iz-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu fit-8.00pm. Din titmexxa mill-Isqof Anton Teuma. Dawk li jixtiequ trasport għandhom jinkitbu l-Uffiċċju Parrokkjali sal-Erbgħa 3 ta' Ġunju. It-tluq ikun fis-7.15pm minn ħdejn iċ-Ċentru Parrokkjali.

Il-Ħin tal-Quddies

Ħdud u Festi: 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
Mit-Tnejn sas-Sibt: 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa: 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa: 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd: 7.30am